IT-TIELET KTIEB SETTEMBRU
TAT-TMIEN SENA 1932

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Niktbu bir-reqqa — Kif jistagħna l-lsien Malti (Sajdun) — Il-Praspar ta' Żeżi (Dun Karm) — Werqa Maltija (M. Agius) — Għana u ġmiel tal-lsien Malti (Kan. G. M. Farrugia) — Is-suq tal-Mgħoż (T. Z.) — Mikiel Anton Vassalli (A. C.) — Mewt (D. Karm) — Ilsien Malti u lsien tal-Marokk (T. Z.) — Lampedusa (Ġużè Gatt)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIELET KTIEB TA' L-1932


## NIKTBU BIR-REQQA

Wieħed li jrid ifisser bil-kitba dak li jaħseb u dak li jħoss, jekk hu kittieb għaqli, jagħmel ħiltu kolħa biex il-kliem li jħaddem ikun ta' qies wieħed mal-ħsebijiet li jissawwru f'moħħu u ta' qawwa waħda mat-tqanqil ta' qalbu; u x-xejra u l-mixja tal għidud tkun waħda max-xejra u mal-mixja tal-ħsieb u ta' ħass-il-qalb; u hekk dak li jikteb ikun tassew xbieha ta' dak li jaħseb u ta' dak li jħoss.

Din id-doti, jew għamla, tal-kitba aħna nistgħu nsejħulha "Reqqa".

Issa kullħadd jifhem illi biex wieħed jagħżel u jħaddem dak il-kliem li jkun jiġi sewwa lill-ħsieb tiegħu jinħtiġulu żewġ ħwejjeġ: a) illi hu jagħraf sewwa l-ħsieb li għandu; b) li jagħraf sewwa xi jfisser il-kliem.

Bosta drabi l-ħsieb fil-moħħ ta' min ikun jikteb ma jixrefx safi biż-żejjed: ikun jixbaħ lil ritratt meħud jew mill-qrib iż-żejjed, jew mill-bogħod aktar milli jmiss, fejn ix-xbieha tidher bħal imkeb'ba ġo ċpar, u trid tkun tafha biex tagħrafha. Għalhekk il-kittieb għaqli qatt ma jibda jikteb qabel ma jkun fela tajjeb il-ħsieb li jixgħel ġo' moħħu. Kif jagħmel in-naġġar mal-ġebla, qabel ma jnewwilha lill-imgħallem, li jdawwarha minn kull naħa, iħożżha fuq l-iskorra, jaqta' x-xtur bl-imterqa sa kemm iġibha tal-qies fit-tul, fil-wisa', fil-għoli, hekk jagħmel il

kittieb għaqli ma' ħsiebu : iħares lejh minn kull naħa sa kemm jagħraf bir-reqqa l-meddiet tiegħu kollha.

Iżda xejn ma jiswa illi l-kittieb ikun jaf bir-reqqa il-ħsieb li għandu f'moħħu, jekk inbagħad ma jkunx jaf is-siwi u t-tifsir tal-kliem li bih għandu jrodd il-ħsieb tiegħu, jew ma jafx jinseġ fuq il-grammatka l-kliem u l-għidud, biex mill-kitba tiegħu jidher safi lil min jakra l-ħsieb li għandu f'moħħu.

Għaliex il-kitba hi bħala kristall ta' mera, li fiha għandhom jidhru l-moħħ u l-qalb ta' min jikteb. Jekk il-kristall ikun imdennes, jew immewweġ, jew miżrugħ bżieżaq tal-arja, inkella mxigħer, miksur u x'naf jien, ix-xbieha qatt ma tidher kif tkun il-ħaġa. Hekk minn kitba mdennsa, imċajpra, imgħawwġa, il-ħsieb, għalkemm fih-in-nifsu tajjeb u safi, joħroġ dejjem imdardar, imċajpar, imgħawweġ, imfattar jew tawwali; u jekk tasal li tifhmu, ma jisraqlek qatt minn fommok il-għajta tal-għaxqa u tal-ferħ : Sabiħ! Tajjeb!

Din id-doti jew għelma li tagħżel il-kitba tajba mill-kitba ħażina, u li hi l-ġieħ, il-għana u ż-żîna tal-letteraturi li fil-ħaqq jistħoqqilhom dan l-isem, tonqos fil-għadd il-kbir tal-kittieba tal-Malti. Donnhom ma għandhomx sabar la jonġru ħsiebhom anqas jagħżlu l-kelma: kull ma jinbet ġe' moħħhom u kull ma joħroġ mill-pinna merħba bih: xejn lima, xejn għarbiel.

Hawn mijjiet il-lum li jħożżu bil-malti: artikoli, boz-zetti, għana, stejjer, ħrejjef, romanzi, ħajjiet ta' qaddisin, ta' għorrief, ta' artisti, dizzjunarji, enċiklopediji ħierġin addoċċ; imma jaħasra minn din il-kitba kollha ma tistâx tagħżel għajr ftit paġni li jkollhom tassew xi ġmiel u xi siwi letterarju, u hekk il-letteratura maltija, bħal għalqa mitluqa, fejn kollox jinbet minn ommu, mingħajr ħadd li jqaċċat u jiżbor il-ħażin u jrawwem it-tajjeb, tibqa' dejjem fqira qalb ir-radam tal-frott.

Aħna, il-kittieba tal-Malti jeħtiġilna nifhmu illi fil-kitba mhux *il-kemm* igħodd, iżda *l-kif*; mhux min jikteb *bosta* jkun letterat, iżda min jikteb *tajjeb*. Għalhecc, jekk irridu li jkolna daqsxejn ta' letteratura maltija, żgħira imma tajba u bnina kif tixraq lil din il-Gżira—ċkejkna fil-medda, iżda kbira fit-turijiet tas-setgħet kollha tal-qalb u tal-moħħ—jinħtieġ illi l-koll-kemm-aħna li niktbu bil-malti u nixtiequ naqilgħu isem fil-letteratura ta' pajjiżna nitgħalmu dawn iż-żewġ ħwejjeġ: a) niflu bis-sabar il-ħsebijiet tagħna, u ma niktbux ħlief it-tajbin u s-sbieħ; b) li nistudjaw bil-ħrara u bl-imħabba l-kelma maltija u l-grammatka tagħha, biex inkunu nistgħu nfissru sewwa il-ħsebijiet li nagħżlu. F'erba' kelmiet; *Jeħtiġilna niktbu bir-reqqa.*

# KIF JISTAGĦNA L-ILSIEN MALTI

*(Jaqbad mal-faċċ. 36).*

3. Il-lsien Malti nistgħu nkabbruh ukoll bi kliem ġdid li nsawruh minn kliem ieħor li nafuh. Minn kelma waħda jistgħu jitnisslu ħafna oħra li jbiddlu t-tifsir ewlieni ta' dik il-kelma; minn *daħal* nagħmlu *daħħal*, *indaħal*, *daħla*, *dħul*, *dħuli*, *dħulija*, *madħal*, *midħla* li jfissru kollha xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-verb *daħal*. Iżda mhux il-kliem kollu jnissel kliem ieħor minnu, u anqas ma għandu l-kliem imnissel għamla waħda, hekk minn *ħareġ* ngħidu *ħarreġ*, bħal *daħħal* iżda ma ngħidux *inħareġ* bħal *indaħal*, ngħidu *ħarġa* u *ħruġ* bħal *daħla* u *dħul*, imma ma ngħidux *ħruġija*, *maħreġ* bħal *dħuli*, *dħulija*, *madħal*, ngħidu *ħarrieġa* imma ma ngħidux *daħħâla*. Dan in-nuqqas fit-tnissil ta' kliem mhux dejjem jinħass fil-kitba, għax mhux kull kelma tista' tnissel minnha l-għamliet kollha li tnissel kelma oħra, iżda bosta drabi jfixkel il-kitba tagħna, iġiegħilna ninqdew bi kliem barrani jew nfissru b'ħafna kliem dak li stajna nfissruh b'waħda. Dan in-nuqqas ta' kliem ġej min-nuqqas ta' kitba.

Jekk il-Malti ma kienx jinkiteb, jekk il-Malti għal mijiet ta' snin qatt ma tħaddem biex jati sura, kisja, tifsira lill-ħedma tal-moħħ, ma sata' qatt jikber bħal ilsna oħra, ma satâx inissel kliem minn kliem skond il-ħtieġa kollha tal-ħsieb.

Iżda l-Malti għadu lsien ħaj u għalhekk, għalkemm żgħir u dgħajjef, għad għandu fih in-nifsu s-saħħa li jikber u jitqawwa. Bħal xitla żgħira li ma tikberx jekk ma tissaqqâx, il-Malti ma jistax jikber jekk il-moħħ ma jgħinux bil-ħedma tiegħu. Ħafna kittieba jiktbu bla ma jħaddmu moħħom fuq il-kliem, jimlew il-kitba tagħhom bi kliem barrani u b'ħafna tiġbid u tqanżiħ ta' kliem Malti, għax ma jafux jew ma jridux jaħsbu, jiktbu l-ewwel kelma li tiġihom fi lsienhom, kienet x'kienet, bla ma jħaddmu moħħhom biex isibu kelma aħjar. Kitba bla ħedma tal-moħħ hi kitba mejta, tal-ebda fejda għal-lsien Malti.

U kif il-moħħ iħaddem il-kliem? Mhux dejjem nistgħu natu reguli kif innisslu kliem minn kliem ieħor, għax mhux fuq il-kliem kollu l-moħħ jaħdem xorta waħda, għalhekk natu biss xi eżempi ta' kliem ġdid imnissel minn kliem ieħor:

Mill-verb *emmen* nistgħu ngħidu *emna = fidi*, bħalma jikteb Dun Karm, u *wemmien = uieħed li jemmen.*

Mill-kelma *nhar* Dun Karm ħareġ il-verb *nahar*. F'poëżija miktuba minnu għal S. Pawl naqraw dal-vers: *Għaddew ġranet bla ma nahar*, jiġifieri: kienu ġranet bla nhar, kienu ġranet mudlamin bħal-lejl. Ngħid għalija l-verb għoġobni sħiħ.

Minn *dejjem* nistgħu ngħidu *dejjiemi*; hekk: *ħajja dejjemija = ħajja li ddum għal dejjem.*

Mill-verb *kiteb* nistgħu innisslu l-għamla *tkieteb*. Din l-għamla ta' verb tfisser għamil li jsir bejn tnejn jew aktar; hekk *tqâtlu* tfisser *qatlu 'l xulxin*; *tqâbdu* tfisser *qabdu f'xulxin.* Mela nistgħu ngħidu *tkietbu* biex infissru *kitbu lil xulxin.* U minn *ktieb* nistgħu ngħidu *miktba* jiġifieri *ġemgħa ta' kotba*, bħalma *miġfna* tfisser *ħafna iġfna, flotta.*

Mill-kelma *ħâtem* li tfisser *siġill*, nistgħu nagħmlu l-verb *ħâtem* jew *ħattem* li jfisser *issiġilla.* Fid-Dewt. 32, 34 ktibt *maħtum* li tfisser *issiġillât. Ħattem* tista' tfisser ukoll *xedd ċurkett* (ħâtem) *lil xi ħadd*; hekk nistgħu ngħidu: *ħattem l-għarusa* jiġifieri *xeddilha ċ-ċurkett.*

Mill-kliem *terħa, terrieħa, mitraħ, mitruħ* nistgħu noħorġu l-verb *teraħ* li jfisser *tefa', xeħet.*

Mill-kelma *mterqa* nistgħu nagħmlu *mitraq* li jfisser *martell*, u minn *mitraq* noħorġu l-verb *teraq*, *terraq* li jifisser *ħabbat fuq xi ħaġa biex irattabha jew iraqqaqha.* Il-ħaddied *jitraq* jew *iterraq* il-ħadid. Fi Ktieb in-Nûmri 17, 3 ktibt *mitruq* jiġifieri *mraqqaq bħal werqa bid-daqqiet ta' martell.*

Minn *waqt* nistgħu ngħidu *waqqat* li tfisser *iffissa l-waqt li fih għandha ssir xi ħaġa;* hekk: *il-miġja tiegħi mwaqqta għal għada*, jiġifieri : *iffissata għal għada.*

Minn *fuq* il-poëti ż-żgħażagħ għamlu *fuqani* li tfisser *'l-fuq fil-għoli*; hekk: *sema fuqani*, *sħab fuqani*, *ħsieb fuqani.* Kelma maħduma tajjeb u għandha l-jedd kollu li tibqa' fil-Malti.

U kliem ieħor bħal dan nistgħu nsemmu wisq aktar. Fi ktieb Malti tas-sena 1845 insibu ħafna kliem magħmul minn kliem ieħor fuq il-mera li qegħidna hawn. Hekk : *bejjina* (minn *bejn*), *mistennija* (minn *stenna*,) *tiżżija ħajr* (=ringrazjament), *mistħoqqien* (=meritu), *wemmien* (minn *emmen*), *taħħat* (minn *taħt*), *ruħani* (=spiritwali, minn *ruħ)*, *dgħufija* (minn *dgħif*) u oħrajn.

Iżda dan ix-xogħol irid ħsieb, dehen u għaqal kbir. Jeħtieġ l-ewwelnett li wieħed ikun jaf tajjeb il-lsien Malti, kif titnissel kelma minn oħra u kif jitbiddel it-tifsir mat-tibdil tal-għamla tal-kelma. Kliem imsawwar ħażin iħassar il-Malti u jfixkel il-qari. It-tieni jeħtieġ li kull kelma ġdida li ndaħħlu fil-kitba tal-Malti tkun tista' tiftiehem bla taħbit, jew inkella nfissru x'irridu ngħidu b'dik il-kelma.

Jaqbeż igħid xi ħadd : Kliem li ma ngħidux kif nistgħu niktbuh ? Naf li l-kotra l-kbira tal-kittieba tal-Malti għandhom dil-fehma, li ma jiktbu l-ebda kelma li ma tkunx ġejja minn fomm il-pôplu. Fehma mgħawwġa. Li kien hekk, ma kienx imisshom idaħħlu fil-kitba tal-Malti ħafna kliem ta' nisel barrani li l-biċċa l-kbira tal-qarrejja u la jgħiduh u l-anqas jafu x'ifisser. Biex niftiehmu tajjeb : l-ilsna kollha kemm huma għandhom għadd kbir ta' kliem li jidħol fil-kitba biss, fit-taħdit ma jidħol qatt u min ma tgħallemx ma jafx x'ifisser. Jekk wieħed ibarri dan il-kliem kitba dgħajfa jikteb, u jekk wieħed jitkellem biss il-kliem tal-kotba, mhux kullħadd jifhmu. Mela fl-ilsna kollha hemm żewġ qtajja ta' kliem : kliem tat-taħdit u kliem tal-kitba. Il-kliem tat-taħdit tnissel mill-ħtieġa li nfissru kull ma naraw madwarna u twieled l-ewwel f'fomm il-pôplu u nbagħad daħal fil-ktib. Il-kliem tal-kitba tnissel bil-ħedma tal-moħħ mill-ħtieġa li nfissru kull ma naħsbu u kull ma nħossu, u

twieled l-ewwel fil-kotba, u fit-taħdit ma daħal qatt. Għalhekk ma għandu ħadd jitmeżmeż minn kliem li qatt ma semgħu, minn kliem li ħadd ma jgħidu; jekk kelma tfisser tajjeb il-ħsieb tagħna għandha l-jedd kollu li tinkiteb, bla ma nħarsu jekk dik il-kelma tidħol jew le fit-taħdit. L-ilsna jimxu l-quddiem u jikbru bil-ħedma tal-moħħ, li aktar ma jaħseb aktar irid kliem ġdid biex ifisser ħsebijietu. Mela jekk irridu nkabbru lsienna, nħaddmu moħħna, nħaddmu l-kliem li għandna u nibqgħu nħaddmuh sakemm kull ħsieb li jiġina jkun jista' jitfisser bi kliem Malti.

**Sajdun.**

## *FRAK BIEX MA JINTILEFX.*

### IL-QAWL.

Ix-xjuħ li kellna dari
Kellhom xi qawl bħal dan:
"Assaħ kelmet il-Malti
Minn ħalfet is-Sultan".

Iżda xi nies ta' żmienna
Da' l-qawl ma jemmnux bih,
Għax il-PROGRESS għallimhom
Iduru ma' kull riħ.

**Dun Karm**

3/3/32

# IL-PRASPAR TA' ŻEŻI

*(Ġrajjiet minnhom)*

Fir-raħal tagħha jafha kullħadd u... iħobbha kullħadd. Il-lum tgħodd xi ħamsa-w-sittin sena u tista' ttawwal ħafna snin oħra: mara ta' darha, għaqlija, bieżla u meqjusa fi kliemha.

Romlot kmieni, u meta romlot kellha ħamest itfal u ieħor kien ġej: imma, billi kienet tal-ġabra u ħawtiela, għalkemm fqira, qatt ħadd ma ħammrilha wiċċha; u lit-tfal rabbiethom kif irid Alla, u l-lum sabithom, għaliex iħobbuha bħal ma ħabbithom hi.

Billi fi żmienha Żeżi ġarrbet minn kollox—saħħa, mard, trobbija, xogħol, faqar, ferħ, għali, vîstu, niket—taf tati parir fuq kollox, u billi, bħal ma għidna hi mara għaqlija, il-pariri ma ttihomx addoċċ, u lil bosta nies switilhom; għalhekk in-nies tal-ħâra qatt ma jgħaddu minn-għaliha li ma jittawwlulhiex, jew għall-inqas ma jsellmulhiex huma-w-għaddejjin. Meta xi darba ma tkunx tħossha fiha u ma toħroġx, in-nies ma taqta' xejn; min dieħel, u min ħiereġ.

Darba mardet daqsxejn iebes, u marret l-Isptar. Fi ftit ġranet saret qisha *nurse* fis-sala tat-tfal: tisqihom, titmagħhom, tlibbishom, traqqadhom, tomxtilhom, tnaddafhom u x'naf jien. It-tfal draw jsejħulha "Il-mamma Żeżi", u meta ħarġet mgħaġġbin kemm bkewha.

Din il-mara għandha xejra tajba wisq: imdejjqa, tgerger waħda u ddawwar id-diskors: muġugħa, tgħajjat ajma! u tidħak: ħelwa bla tarf imbagħad meta tgħid il-praspar tagħha, li ma huma xejn taċ-ċajt u tad-daħk, imma li tgħidhom b'xi ħlieqa u toqtlok bid-daħk.

Mela darba din Żeżi kienet qiegħda fuq il-għatba taddar, bil-qiegħda, bħal ma jagħmlu aktarx in-nisa raħlin. Fejn toqgħod hi, it-triq tinferaq fi tnejn u f'dik id-daqsxejn ta' wesgħa li hemmekk tagħmel it-triq, kien hemm ħlewwa ta' għanieqa belqa, tiżżgħabel kif jagħmlu ż-żgħażagħ kollha, u din Żeżi titgħaxxaq biha u tidħak bil-mutetti tagħha.

F'daqqa waħda din l-imbierka ta' għaniqa iddur dawra mal-wesgħa, tati ġirja sa' fejn Żeżi, issul fuq riġlejha ta' wara, u kif jagħmlu l-mogħoż bejniethom, newlitilha daqqa ta' ras fuq rasha li ma ngħidlekx. L-imsejkna Żeżi waqgħet waranijiet u bil-weġgħa ntilfet; u li ma kenitx il-għajnuna għaqlija u ħafifa ta' bintha Lonza, ma kinetx tistejqer malajr.

Darb'oħra din Żeżi kamet li ma kienx iħossha fiha, kellha ftit rasha tarmiha u ħarġet tixtri nitfa laħam taċ-ċanga għall-brodu. Il-ħanut kien bieb għall-għatba, u billi kien ħanut bejjiegħ, kont dejjem tara fih xi robu jew tnejn imdendlin minn ganċijiet fit-travi tas-saqaf. Ċikk!...sejħet Żeżi kif daħlet, jekk jogħġbok atini...u ma laħqetx temmet it-talba, għaliex fil-waqt jinqala' ganċ u jinżel bir-robu b'kollox fuq ras l-imsejkna li niżlet mgħaffġa taħt il-pîs ta' xi sittin ratal laħam; u jekk kienet fil-bżonn ta' ftit brodu qabel, tistgħu taħsbu jekk kellhiex bżonn aktar wara l-praspura tar-robu.

Ħelwa tal-għeneb! Ma kinux għaddew ġimgħatejn mill-ġrajja tar-robu, meta ġratilha oħra daqsxejn agħar minn ta' q'bilha. Żeżi, bħan-nisa kollha tar-raħal li għalqu s-sittin, u aktarx ma għandhomx snienhom kollha f'ħalqhom, tmut għall-frott, għaliex artab u jxarrbilha griżmejha. Jarġa', dawn in-nies tar-raħal billi wara s-sittin id-dawl ikun naqsilhom xi ftit, u fir-rħula qajla-li-xejn jitfgħu nuċċali f'għajnejhom, jidraw, ma jfittxux, ngħidu hekk, ix-xgħara fil-għaġina, u jitfgħu f'ħalqhom il-frott bil-qoxra b'kollox, u mbagħad ibarru dak li jidhrilhom.

Mela għodwa waħda—kienet btala ta' smigħ-il-quddies—kif daħlet id-dar mill-knisja,u neħħiet minn fuqha l-għonnella tar-ras, neżgħet l-għonnella tal-lbies u xeħtet daqsxejn ta' maqtur griż fuq spallejha, din Żeżi semgħet minn għand waħda mill-ġirien illi l-fliena, mara tal-ħanut, kellha ftit għeneb sabiħ, qisu għajnbaqar, u ma kienx għoli żejjed. Ma xtaqetx u ma stennietx ħaġ'oħra. Ħarġet bil-lajma-l-lajma u marret xi mitt pass bogħod biex iġġib ratal. Kif reġgħet l-ura bil-għeneb u tielgħa l-għatba kixfet il-platt biex turih lil bintha—għaliex fir-raħal ferħ u għali kollox bin-nofs—u kif aktarx jagħmel kullħadd, qatgħet għenba minn għanqud u tefgħetha f'ħalqha.

Ma kinetx għenba! Ġe' fiha kien hemm żunżan li malli ħass il-għafsa ta' ħniekha, taha x-xewka f'xoffitha ta' fuq. L-imsejkna ta' Żeżi għal dik it-tingisa bla ħniena ta' żunżan magħdub, għajtet għajta li werwret lit-tifla; xeħtet ir-ratal tal-għeneb ma' l-art u beżqet il-għenba bil-bhima li kien hemm ġe' fiha. Imma ma spiċċatx hawnhekk l-istorja, għaliex xoffitha bdiet tintefaħ minnufih u f'tul ta' ħames kredijiet saritilha daqs għajnbaqra u kħalitilha brînġiela.

Pħuh! Iva kien hemm tant għeneb dik kellek taqbad! ? qaltilha t-tifla. Iżda billi kienet għaqlija u kienet taf li fil-

għawġ, aħjar taħseb iddewwi milli tinfexx tgerger, minnufih fettxet ir-rmedju, u bit-tkemmid, bil-ħasil u bid-dlik ħelsitha minn dak l-uġigħ li biss min ġarrbu jaf kemm hu aħrax.

Darba wieħed ġuvnott kien qiegħed jitħarreġ jirkeb ir-rota. Żeżi kienet għada kif ħarġet siġġu biex toqgħod bil-qiegħda barra, ma' ġenb il-bieb. Mela dan l-imbierek li ma kienx għadu jaf iżomm miżien, jitlaq b'ġirja min-naħa ta' fuq isallab, jixxengel, jitbandal, u kif jasal fil-wesgħa tat-triq jimbaram, u... ġe' ħoġor Żeżi bir-rota b'kollox. Nista' ngħoddha b'waħda, qaltli, għax il-Madonna ħelsitni. Jiena għamiltni b'mejta!

Waħd'oħra w biż-żejjed, mhux għax ma baqax, iżda biex ma ntawwlux barra mit-triq. Naħseb li kien ix-xahar tar-Rusarju tas-sena li ħarġet, u fil-waqt li din Żeżi kienet qiegħda tixrob erba' mgħaref brodu belgħet xilxa tal-għadam, u ma nafx kif din il-għadma flok ma marret fil-kanal tal-ikel, marret fil-kanal tan-nifs, u Żeżi kienet sejra tifga. Minnufih dlik, sħanat, massaġġi fuq griżmejha, xi nifs il-barra qawwi, iżda kollox għal xejn. Kellhom isejħu t-tabib; u dan ra mill-ewwel illi ma kienx kas taċ-ċajt: il-għadma ma kienetx tidher, kienet niżlet l-isfel sewwa: iżda ma baqax u ma tax xi rmedju u xi parir. It-tifla li għandha fidi bla tarf fil-għajnuna t'Alla, tal-Madonna, u tal-qaddisin, wara dak li amar it-tabib, bdiet ukoll id-dlik biż-żejt tal-Madonna, ħasil bl-ilma ta' Lourdes u x'naf jien. Damet hekk sitt sigħat: dieqa bla-tarf, qtiegħ ta' nifs, fwawar, ħass ħażin, telqa... meta f'daqqa waħda, kif timtedd fuq ġenbha tax-xellug, titla' man-nifs din il-għadma li kienet kbira ġmielha u kollha ngieges, li t-tabib baqa' mistagħġeb kif setgħet toħroġ weħidha, u qalilha biex iżżommha bħala tifkira mhux tal-ġrajja, iżda tal-grazzja kbira li għoġobha ttiha l-Madonna.

Bħal dawn praspar oħra bla għadd: imma Żeżi tgħidhom bħallikieku ma ġrawx lilha u dejjem tispiċċa b'xi daħka.

U jien ridt inġibhom hawn mhux għaliex fihom xi ħajr jew xi kobor barrani, imma biex nuri karattru sabiħ ta' mara li taf tieħu l-ġrajja ta' ħajjitha bil-qalb it-tajba, bis-sabar għaqli, u b'fidi qawwija li kull ma jsir kollox minn Alla: karattru li jġiegħlha tidħak daħka saħansitra fl-uġigħ, fid-dwejjaq, sa quddiem il-waħx tal-mewt.

**Dun Karm**

# WERQA MALTIJA

(Lis-Sur Nin Cremona li tani b'tifkira
ktieb il-għanjiet tiegħu "Weraq mar-Riħ".)

Vassalli fik ieħor jien nilmaħ
Mehdi f'żogħżitek bil-ħedma,
Titgħallem u tifli l-Lsien Malti
Kienet din tiegħek il-fehma.

Kien dejjem ħabibek ilsien'na,
Ġmielu għaraftu bis-sedqa
Bil-għaraq ta' ġbinek saqqejtu,
Ktibtu bil-għaqal u r-reqqa.

Ewlieni mal-aqwa kittieba
Tħawtel u magħhom tissiħeb :
L-imħabba ta' lsienna sabiħa
Tnissel, biex tajjeb jinkiteb.

U meta ħatruk biex il-Malti
Tgħallem, għal żmien, fil-għaxija,
Għaraft kull tfixkil malajr tirbaħ,
Tiegħu urejtna s-sbuħija.

Saħħartna bil-ġrajja ta' lsien'na :
Dmirek, ja Malti, għamiltu ;
Fiż-żgħażagħ żrajt tiegħek it-tama,
Għerfek qassamtu u ħaddimtu,

Fil-ġrajja minqux jinsab jeddek :
Ismek fi ħsiebi rekkintu
Niftakar sakemm intemm ħajti
Li minnek il-Malti tgħallimtu.

M Agius.

Villa Lia
5 ta' Mejju 1932.

Bħala l-ewwel warda li fetħet minn xitla żagħżugħa, għaddejnihielu għall-"Il-Malti" din il-Werqa Maltija lil M. Agius.

Ma fihiex poeżija kbira, imma l-versi—wieħed tad-disgħa u l-ieħor tat-tmienja—maħdumin ġmielhom : u għandna tama li l-quddiem jatina xi ħaġa aħjar. Aħna dejjem nixtiequ nagħmlu l-qalb. N. t. D.

# GĦANA U ĠMIEL TAL-ILSIEN MALTI

Qabel xejn ma nidħol fl-argument minni mħabbar, nibda biex infisser x'nifhem bil-kliem : GĦANA U ĠMIEL.

Il-Għana hi dik il-qagħda li fiha jinsab min ikollu biż-żejjed biex jista' jgħix, mingħajr ma jeħtieġlu jitlob il-għajnuna jew jissellef minn għand ġaru. Bniedem li ma għandu bżonn ta' ħadd, jissejjaħ Għani. Għani hu dak il-lsien ta' Ġens, hu min hu, illi biex xi ħadd bih jitkellem, ma għandux bżonn, la jissellef u la jisraq il-kliem minn għand ġnus barranin. Meta dal-lsien għandu biż-żejjed sombor ta' kliem biex jista' jiftihem waħdu, jissejjaħ : *Lingwa.* Il-lsien Malti huwa tassew Lingwa, u Lingwa għanja biż-żejjed.

Ftit tas-sabar, u l-quddiem ngħarrafkom aħjar u taraw b'għajnejkom u tmissu b'idejkom.

Ġmiel huwa *assolut* jew *relattiv.*

Il-Ġmiel assolut, ma jgħammarx fid-dinja, għax hu biss tas-Sema : Alla biss hu sabiħ il-lum, il-bieraħ, u għalli ġej. Il-Ġmiel tad-dinja, hu relativ; għalhekk dak li l-lum jidher sabiħ, sata' kien ikreh il-bieraħ, u l-ikreh tal-lum jista' jkun sabiħ għada, għaliex jiddependi mill-fehma jew mill-capriċċ tal-bniedem jew mill-imkien, fejn wieħed ikun trabba' u dara. Il-Ġapponiż, l-Indjan, u ż-Żulu jaraw is-sbuħija tan-nies tal-Ewropa, bħala kruha ; bil-maqlub; il-ġnus bojod tal-Ewropa, is-sbuħija tan-nies suwed jistmerruha. Mela l-ġmiel hu relattiv, għax kieku kullħadd jarah xorta waħda. Ix-xbieha t'Alla, minquxa jew pinġuta minn mgħallem Ewropew, hi l-għażla tal-isbaħ bniedem abjad : xahru qastni għajnejh kbar u suwed, ġismu mislut : mentri l-Abbissiniżi jagħmluh iswed tuta; il-Ġappuniżi, jagħmlulu għajnejh lewża; l-Indjani, jonfħulu żaqqu. Din hi s-sbuħija skond dawk in-nies. Sbuħija relattiva, li għandha x'taqsam mal-*ambjent,* jiġifieri mat-trobbija, mal-ħâra, mat-tagħlim u ma' dak kollu li bniedem jiltaqa' miegħu mindu jitwieled sakemm jixjieħ. Mela, il-ġmiel mhux għal kullħadd xorta waħda.

Meta huwa hekk, nerġgħu lura għal fejn bdejna, meta għedna, li l-ilsien Malti hu għani, u jista' jgħid ħsiebu

u qalbu waħdu mingħajr ma' għandu bżonn il-għajnuna ta' ġaru, bħall-Għani, li għandu flus bir-rfus, biex jista' jixtri x'jiekol hu u jżomm għases u qaddejja.

Il-lsien li fih daqs mitt (100) kelma, biex ifissru l-ġisem tal-bniedem u kull tentufa u taqsima tiegħu, mingħajr ħtieġ li jissellef minn ilsna oħra, jidhirli, li dan il-lsien, jista' tabilħaqq jissejjaħ ilsien għani.

Ibdew biex iġġibu quddiem għajnejkom, Bniedem; ifluħ minn rasu sa riġlejh, u intom tgħidu kliem dejjem malti:

Ras, qorriegħa, xgħar, xuxa, ħoġbejn, ġbin, moħħ, ħaddejn, għajnejn, imnieħer, imnifsejn, widnejn, wiċċ, ħalq, fomm etc. etc.

Wara li ddumu għal xi mitt darba, dejjem tgħidu kliem malti; imbagħad aktarx jidħol it-Tabib, u jsemmi xi biċċa jew xi taqsima li ma tifhmuhiex; la tistgħaġbux, għax din il-kelma, tkun bil-Grieg, kelma li daħlet, fl-ilsna kollha tad-dinja. Għalhekk hija kelma ta' kullħadd u ħadd ma' jista' jgħajjarkom biha; bħal ma' hi *Tibja*, *perikardju*, *katarru*, *dispepsja*, *klavikola*. Il-kliem li l-lum daħħlet ix-xjenza (ta' l-Anatomija) ħafna ismijiet ġodda ta' nqaqar fil-ġisem, ismijiet li missirijietna ma setgħux igħiduhom għax ma kinux jafu bihom. Iżda hemm tajjeb, illi dawk l-inqaqar li aħna ma għandniex isem għalihom; anqas it-Taljani, l-Ingliżi, il-Franċiżi u l-Ġermaniżi ma għandhom. Dawk l-ismijiet huma wirt u għana ta' kullħadd.

Issa għat-tieni taqsima, jiġifieri fuq il-ġmiel u s-sbuħija tal-ilsien Malti.

Jekk, f'din id-dinja, is-sbuħija hija relativa, mela dak li wieħed jarah sabiħ, jew ikrah mhux ta' bil-fors huwa sabiħ jew ikrah fih in-nifsu. Fi żmieni niftakar il-kpiepel tan-nisa kbar nett, mimlijin ward, il-kurpett magħfus magħfus mal-qadd, id-dublett, kollu ġmigħ u pnatar. Mur ġib dik il-moda li kienet hekk sabiħa dak inhar, il-lum!? Kullħadd jibda jidħak, u jgħid: Uff! xi kruha! Terġa'; hu għal dak iż-żmien il-moda sabiħa tal-lum: berritta, jew kappell ċkejken ċkejken; lbies dejjaq, u qasir... Kienu jberrqu għajnejhom, itawlu wiċċhom u jgħidu: Uff xi kruha ta' moda!! L-istess, meta kont żagħżugħ, il-mużka ta' Bellini, kienet l-iżjed ħelwa u sabiħa. Min kien irid jisma' l-mużka ta' Wagner? Ħadd!! Il-lum min ma jitgħaxxaqx bit-Tannhäuser u ma jgħidx: Imma kemm hi sabiħa din il-Mużka? Safrattant tletin sena ilu, ħadd ma kien irid jismagħha. Mela dak li kien jidhrilna li kien ikrah, jista' fih ikollu s-sbuħija. U l-

ġmiel u s-sbuħija kif wieħed iġibhom? Billi jitgħallimhom, idarri għajnejh, moħħu, widnejh u fuq kollox, jistudja dik il-ħaġa. Istudjaw il-Malti: darru widnejkom għalih, aqrawh u iktbuh tajjeb, u taraw kemm hu sabiħ!!

Hawn ħafna, billi qatt ma studjaw il-Malti jgħidu li hu lsien ikrah, u tajjeb biss għall-kċina: Imsieken! ingħidulhom ma' San Pawl: *Quod ignorant blasphemant.*

Fix issibuha s-sbuħija jew il-kruha?! forsi fil-kelma Alla? ma hemmx fit-taljan il-kelma *alla* wkoll? Fil-kelma dija? ma hemmx il-kelma *Dio*? fil-kelma maħżen? *Magazzeno*, ma hiex kelma maltija? Il-kliem malti: Amar, Am-man, Andar, Barba, Barka, Barri, Kollha, Marrara, Sider, u ħafna oħra, ma għandhomx l-istess ħoss, l-istess mużka? Mela għaliex, meta jfissru kelma taljana, huma sbieħ, u meta ifissru kelma Maltija, huma koroh? Mela jekk huma sbieħ bit-taljan huma wkoll sbieħ bil-malti. "Alla ħalaq is-sema u l-art u kull ma fihom." *Iddio creò il cielo e la terra e tutto quel che contengono*—Min hu dak jewwilla, li għandu l-wiċċ igħid, illi dan il-għidud bil-malti, huwa ikrah, u bit-taljan hu sabiħ? Jekk fit-taljan jaraw l-armonija tal-mużka ta' Bellini; hemm ħafna, u fosthom għorrief mhux taċ-ċajt, li jaraw fil-Malti l-mużka ta' Schubert u ta' Wagner; u dan li s'issa għedna qiegħed imwaqqaf fuq sisien ta' fehma, qawwija daqs il-blat. Il-għaliex il-lsien Malti għandu dak kollu li jinħtieġlu (l-elementi necessari), u meta għandu dawn u ma għandux bżonn tal-għajnuna ta' ħadd; meta jista' jgħix, jikber, bla ma jissellef kliem barrani; allura huwa biż-żejjed għani. Il-għana hija perfezjoni, il-perfezjoni hija sbuħija, hija ġmiel. Iżda bħal ma għedna, billi l-ġmiel huwa *relativ* għalhekk allura tidħol dik li jgħidulha simpatija u antipatija, jiġifieri il-passjoni; jiġifieri dik ix-xejra li tiġbdek għal naħa waħda bi preferenza ta' l-oħra.

Għalhekk lil ħutna ta' nisel Malti; infakkruhom f'meta kienu f'ħoġor ommhom u kienet tgħallimhom iroddu s-Salib jew igħidu l-Missierna, u nistaqsuhom jekk kinux jitolbu l'Alla bil-lsien li ma kienx jixraq, għax ikrah! U fil-ħin tal-mewt, naħseb ukoll illi bil-lsien ta' missirijietna mmorru ntennu l-aħħar kelmiet lil Alla? Għaliex jekk inkellmuh bi lsien ieħor, naħseb inkunu qegħdin bħal nitkessħu; u ma'Alla nitkellmu minn qalbna.

Le, le, min jieħu qalbu f'idu u jitkellem kif tgħidlu hi, jeħtieġlu jistqarr illi l-lsien malti hu Għani u Sabih.

**Kan. G. M. Farrugia**

# IS-SUQ TAL-MOGĦOŻ

Ġużê il-Bus, bil-qiegħda fuq plier, ħdejn il-baħar, m'hux bogħod mid-dwana, sebaħ jistenna d-dgħajjes ta' Għawdex biex jara jiksibx xi mogħża, għax il-ġwież kien roħos u tħajjar iżid fil-merħla.

Il-ġeġwiġija ta' nies iddur ma' dwaru, taqbeż fid-dgħajjes, tħott, tgħabbi, tissejjaħ, titlewwem, ma għamlitx bih lil Ġużê għax moħħu kien f'ħaġa waħda, fid-dgħajsa tal-latini li feġġet minn wara l-Barrakka t'isfel.

Pupull tal-Qroqq resaq lejh u kif rah imberraq iħares lejn il-baħar, mingħajr ebda ħsieb tal-ġilba tan-nies u tal-għagħa ta' ma' dwaru, tektiklu b'subgħajh fuq dahru.—X'qatgħa tajtni—qal Ġużê.

—Kemm tinqata' mix-xejn, il-Għawdxin waslu?

—Għad, imma resqin. Jaqaw tħajjart għal xi gidja int ukoll?

—Aktar minn waħda ninħtieġ, is-suq jorbot.

—Dik il-lankenija ta' Girgor xtrajtha?

—Xtrajtha u rġajt begħtha għax sibtha mxattra.

—Dnub, kellha xeħta sbejħa, għalja, fuq tagħha u midliela kif jogħġbu lili.

—Girgor kien begħli 'l oħtha wkoll, dik il-ħamra ta' l-imsielet, bi qrunha mqaċċta, tiftakarha? Ma tafx ħliefha, kienet imżewqa u ftit ħoxna.

—Iva naf għal liema q'ed tgħid. Dik x'sar minnha?

—Bdiltha Ħal-Luqa ma' waħda, il-ġmiel tagħha. Risqha ħażin kienet għax kelli nneħħiha ħin bla waqt. Tġelġlet bl-ikraħ wara anqas minn xahar.

F'dal-ħin, id-dgħajsa waslet u ħelu ħelu resqet mal-moll ħamsin pass bogħod minnhom. Telqu dlonk għal fuqha u resqu lejn il-qatgħa mgħoż imkenna wara t-tagħbija.

Resaq lejhom Brajġu u: "nħawwadlek x'erbgħa, Pupull? qallu.

—Jekk għandek tat-tajjeb u ma tagħfasnix wisq, nixtru, qal Pupull.

—Il-barka! għandi erba' gidjien trid seba' għajnejn biex tarahom. Tgħid s'er ma nikkurdawx? Ara dik is-safra, qattx rajt bħalha.

—Li ma kenitx muqrana iva.

—Qaċċathomlha.

—Le, fartasa rridha.

—Ara dil-bajda, taħleb sitt krateċ jekk iżżoqqha.

—Sbejħa—ftit drieghħa twil u dufrejha kbar, jaħasra.

—Dak m'hu xejn, x'jidhirlek Ġuż?

—Togħġobni, imma dik il-ħamra isbaħ.

—Li ma kenitx faqma, wiċċha ħelu wisq.

—U dik tgħidilha faqma? gidja donnha berqa, mejxa, widnejha daqs nitfa, ma ssibx oħra bħalha.

—X'se'n ngħidu?

—Jien, qal Ġużè, nieħu dawn it-tnejn. U jien, qal Pupull, nieħu dawn.

—Tafu taraw tassew. Erba' gidjien bħal dawk ftit ġew Malta. Taf kemm irrid? Tmienja u erbgħin skud il-waħda. Ara tnaqqsuli.

—Il-mogħoż sbieħ, imma t-talba tiegħek kerha. Jien aktar minn sitta u tletin ma natikx.

—Mhux bhejjem bħal dawk, ħamsa u erbgħin għax lilkom. L-anqas? Erbgħin tatuni.

—Tmienja u tletin. L-anqas ħabba iżjed.

—Newlu għax sebaħ, ir-risq u l-barka. Brajġu tħallas u dawk irħewlha għat-telgħa tal-Kurċifiss jitpaxxew bl-erba' bhejjem li xtraw.

—Dik il-ħamra, qal Ġużè tfakkarni f'dik li rkaptajt sentejn ilu. Kienet taħleb mal-ħames krateċ kull jum, sajf sħiħ. Qatt ma ninsiha.

—X'sar minnha?

—Ħadhieli tas-Sanità, jaħasra. Qal li kienet imniġġsa. Naħseb li tniġġżet mita bgħattha għand ir-raħħal, għax qabel ma kellha xejn.

—Iva, Ġuż, hekk jitniġġsu l-bhejjem, waħda minn l-oħra. Jekk iddaħħal mogħża marida, qattus il-fula, kollha jitġelġlu. Darba, il-barba xtara gidja b'irħis u joħroġ il-għaġeb, ma għaddhiex xahar li ma tmissitx il-merħla kollha. Tas-Sanità kien wissieh li dik il-mogħża ma kienx f'għajnu minnha u qallu biex ma jdaħħalhiex fil-maqjel.

—Dan li fihom dawn il-bhejjem igħalluk bl-ikrah.

—U l-lum is-sanità ma ttiniex nifs, biex tara l-merħla kollha sejra Lazzarett ma tridx wisq.

—Ħej, jibżgħu mid-deni rqiq. Jien ma nemminx li l-ħalib iġib id-deni, imma mur fehemhom.

—Jien ma kontx nemmen l-anqas. Taf x'ġagħilni nemmen? Dak li ġralu Majsi; għammewwel kellu mogħża mniġġsa li naqqset minn l-ikel u għotbot u qabditha s-sogħla. Dan ma riedx joħroġ biha għall-parruċċani u biex ma jarmix il-ħalib ħaseb li jisqih 'l uliedu. Ħamsa minn l-ulied, donnhom pepprin, f'erba' ġimgħat il-koll inxteħtu f'sodda bid-deni rqiq u l-kbira mitfitlu.

—U iva, forsi m'hux mill-ħalib.

—Hu jew m'hux, jien 'l uliedi l-ħalib ta' dik il-mogħża ma kontx nisqihulhom.

—Jien tiela' minn hawn, Pupull—Saħħa u Alla jagħmel ir-risq.

—Lilek u lill-proxxmu kollu, Ġuż. Saħħa.

T. Z.

# KOTBA LI WASLULNA

P. Ghejtan Xerri O.P.—*S. Albertu Manju* p. 124 Empire Press 1932.

Papa Piju XI—Il-Bolla *In Thesauris Sapientiæ* miġjuba bil-Malti p. 20 Empire Press 1932.

Papa Piju XI—L-Enciclica *Caritate Christi Compulsi* miġjuba bil-Malti p. 20 Empire Press 1932

Dun P.P. Grima—*Il-Gens t'Alla* p. 48 Stamp. tas-Salesjani 1932.

Edward Azzopardi-Sant—*Malta, a Shock of Delight* p. 118, xii. Empire Press 1932.

Alf. M. Galea.—*Annali tal-Propaganda tal-Fidi* Awissu 1932 —Empire Press.

L. Galea & M. A. Murray—*Maltese Folk-tales* p. 60 Empire Press 1923,

S. Agius—*Onor. Prof. Mons. E. Dandria Ph. D. B. L. Can.* p. 32 Tip. Muscat 1932.

Ric. Mifsud Bonnici—*Il-Mexxej fl-Egħmejjel moħbija t'Alla.* p. 74 Empire Press 1932.

*Malta Missjunaria*—L-ewwel Għadd ta' Settembru p. 24 Tip. Lux 1932.

Onor C. Mifsud Bonnici LL. D. *it-Tifkira tat-8 ta' Settembru 1565* p. 16 Empire Press 1932.

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*(Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel paġ. 45)*

Mid-dokumenti li għandi f'idejja jidher illi fis-sajf tal-1797 Vassalli kien qiegħed hawn Malta, imdiegħes fit-tixwix li kien hawn kontra l-Ordni, u milli jidher ukoll, kien ilu hawn minn biċċa żmien sewwa, sakemm madwaru kellu dawk il-bosta nies li kienu qegħdin igħinuh fil-ħsieb tiegħu u għamluh kap tagħhom. Kif Vassalli raġa' lejn Malta għas-seħħ u x'kien li kaxkru 'l hawnhekk ma nafux sewwa. Biss nistgħu ngħidu illi dik il-ħabta l-armi tar-Repubblika Franċiża, b'għaġeb tal-Ewropa u mingħajr ma l-Ordni qatt stennietha, kienu xeħtu taħt il-ħakma tagħhom biċċa kbira tal-art tal-Ewropa. L-Ordni, sabet ruħha fil-periklu. Fid-19 ta' Settembru 1792, ir-Repubblika wettqet illi l-bêni kollha tal-Ordni għandhom jiġu maqbuda. L-akbar ġid li kellha l-Ordni kienu fi Franza u għalhekk ħabta u sabta din sabet ruħha f'għaks kbir.

L-Ordni tilfet minn Franza s-somma ta' 580 elf skud u il-Kavalieri Franċiżi sfaw f'faqar hekk ikreh li kellu jmantnihom il-Gran Mastru. Bonaparti kull fejn rebaħ fl-Italja beda ukoll jaħtaf il-ġîd tal-Ordni, fil-waqt li Spanja u Portugall bdew jieħdu tant fil-mija minn fuq il-bêni tagħhom sabiex jarmaw kontra Franza u b'hekk l-Ordni ġiet telliefa ta' madwar żewġ miljun skud li kienu mit-tlieta tnejn tal-fond kollu, u li kieku ma ndaħletx il-Moskovja illi, sabiex iddaħħal lill-kbarat tagħha fl-Ordni tât is-somma ta' 180 elf fjorin fis-sena, Alla jaf x'kien isir minnha. Iżda l-ħaġa flok għall-aħjar qalbet għall-agħar: il-Partit Franċiż kien ilu li nibet hawn Malta u iktar ma tikber ir-Repubblika iktar jiżdiedu huma, u dawn kienu l-Ġakbini. Hawnhekk beda jinħass il-għaks u il-Maltin li fl-aħħar żmenijiet tal-Ordni ħassew ruħhom iktar imżebelħin minn qabel mill-Kavalieri, bdew jitqarrsu u, imxewxin minn xi Kavalieri Franċiżi, bdiet tinbet fihom ix-xewqa li jbiddlu l-Gvern ta' Malta.

Vassalli, mill-banda l-oħra, żagħżugħ rasu mimlija bil-ħsieb li jifdi l-ġieħ u jarfa' l-kondizzjoni imgħarrqa tal-Maltin, u kif deherlu wkoll, ta' lsienhom bħala nazzjon, kien donnu li wasal f'waqt tajjeb. Iżda nistgħu ngħidu li l-mawra tiegħu hawn Malta minn Ruma kienet imġiegħla mill-bżonn tal-pajjiż jew minn xi taqlib ieħor f'Ruma fejn dik il-ħabta kien jinsab?

Wara r-rebħ ta' Napuljun f'bosta artijiet tal-Italia, f'Ruma kien ilu li nqala' t-taħwid sa mis-sena 1793 mita l-poplu kien qam. Il-Gvern tal-Papa ma satax jilqa' d-dħul qawwi tal-eżerċtu Franċiż illi minn Bolonja kien niżel fil-Belt Kapitali u għalhekk talab konkordat tal-paċi li twettaq fl-1796. Trattat

ieħor tal-paċi kien sar fl-istess sena bejn ir-re taż-żewġ artijiet ta' Sqallija u r-Repubblika Franċiża. Iżda l-eżerċtu Franċiż, fil-15 ta' Frar, 1798, kien daħal f'Ruma, neħħa lill-Papa mis-Setgħa tiegħu u ħadu lejn Franza fejn miet f'Valenza.

Wara dan it-taqlib kollu li ġarrab barra minn Malta, Vassalli jidher li kien ġie minn Ruma, xi ftit b'rasu mħeġġa b'dawk l-idejjiet ġodda ta' ħelsien u jedd illi fi Franza u f'artijiet oħra tal-Italia bdew ifewġu. Fil-Prefazzjoni tal-"Lexicon" kien wera kemm il-Maltin bit-tagħlim nazzjonali (kif hu jsejjaħ 'l-ilsien Malti) jista' jiddawwal iżjed, sew f'dak li hu għerf kemm f'dak li huma dmirijiet u liġijiet li hu xtaq li jsiru bil-Malti. Din il-ħaġa għal dik il-ħabta, taħt Gvern ta' Kbarat u razza latina, u tista' tgħid għalih, insemgħet bħal dagħwa wisq iżjed milli fost l-aristokrazija tal-lum. Ried li it-tagħlim lit-tfal tal-poplu jiġi mogħti b'xejn u, biex ingħid hekk, hu kien l-ewwel wieħed li fassal il-ħsieb li jsiru l-Iskejjel Popolari tal-Gvern. Bil-Vokabolarju li għamel nistgħu ngħidu li ħareġ iperper fost il-kotra tal-Maltin il-Bandiera tad-Demokrazija. Fl-aħħar tal-Prefazzjoni Vassalli wera ruħu ukoll li kien imħeġġeġ bix-xewqa li "jneħħi minn quddiem il-għajnejn tal-Maltin il-għamad li sa dak iż-żmien, għal bżonn kbir, xekkilhom. Wessa sabiex il-Maltin jagħmlu f'rashom, darba għal dejjem li jxerrdu d-dlamijiet bħalma s-seklu ta' dik il-ħabta u r-Raġuni sħiħa ta' dak iż-żmien kienu għarfu jxerrdu d-dlamijiet tal-injuranza, jiksru l-ktajjen tal-fehmiet ħżiena u ta' ħsara; li jitturufnaw għal dejjem dawk l-abbużi li lejhom kellhom qima kbira billi flokhom idaħħlu drawwiet ġodda u tal-ħaqq, jinġiebu u jitfasslu sistemi ġodda u għaqlin u li titkeċċa minn ġewwa fihom kull biża' ta' riħ kuntrarju kif huwa stess fil-bidu ta'dak ix-xogħol kien biegħed minnu kull xkiel u biża' ta' timgħir." (1)

Vassalli fl-1797 kien magħruf hawn Malta bħala raġel għaref, mixgħul b'ħeġġa kbira u bl-isbaħ ħsebijiet għal ġid pajjiżu, u għalhekk, xi nies li kienu mdejqin mill-ħakma tal-Ordni u oħrajn tal-Partit Ġakbin għażluh biex taħt iċ-ċirkostanzi koroh ta' dawk iż-żmenijiet isewwi d-dinja u, jekk hemm bżonn, jaħseb biex issir tibdila fil-Gvern ta' Malta. Kienet dik il-ħabta illi l-Vokabolarju tiegħu beda jinbiegħ u jixxerred u dak il-ktieb kien biżżejjed (għalkemm ma kien fih xejn li jbażża') li fetaħ għajnejn l-Ordni u qarrashom u li mħabba fih lil Vassalli ħaduh fuq demm id-dars.

B'dana kollu, kif issa naraw iżjed il-quddiem, Vassalli ma kellu qatt f'rasu li jeħles il-Gżira mill-Ordni, iżda għal

(1) Ara "Lexicon" Discorso Preliminare paġ: XLII par. XCIX.

ġid tal-Gżira ried illi l-Maltin ikollhom il-jedd li jistħoqqilhom bħala nazzjon u li jinfetħu l-bibien tal-kummerċ ma' artijiet u Potenzi li minnhom Malta setgħet tistenna xi faraġ u b'hekk tarfa' rasha : iżda l-Ordni minn dik il-widna ma reditx tisma' u hemm kien li Vassalli ngħaqad mal-Partit Rivoluzzjonarju.

Isem Vassalli ma jidhirx fil-ġrajjiet tal-Gżejjer ħlief f'dawn l-aħħar żmenijiet tal-Ordni, iżda dak kollu li fuqu qalulna, sew il-Kanonku Fortunat Panzavecchia *(Ultimo Periodo della Storia di Malta.* etc.) kemm Gio.A.Vassalli *(Storia di Malta)*, mhux biżżejjed biex igħarrafna bil-ftietaq kollha tal-ħtija li fuqha Vassalli weħel il-ħabs u x'għadda minnu wara dak it-taħwid kollu. Naraw ukoll li wara li daħlu l-Franċiżi u wara wkoll li dawna telqu minn Malta, isem Vassalli ma deherx iżjed f'ebda paġna tal-ġrajjiet tagħna, għalkemm dan l-imsejken ta' bniedem, wara li tilef għaqlu u ġidu kollu għall-fidwa ta' ħutu l-Maltin (kif għandi naħseb bl-iktar fehma tajba), wara li għal snin kellu jitlaq l-istudji għeżież biex jaqdi x-xewqat ta' sħabu, kellu għal dawra ta' 4 snin sħaħ ibati tbatijiet ta' ħabs, ħarba, ġuħ, mard u fl-aħħar turrufnament għal dawra ta' dsatax-il-sena. Biex wieħed igħaqqad ħaġa ma' oħra u jwettaq dak kollu li jiena (bil-għajnuna ta' xi ħbieb tiegħi, fosthom u l-aqwa, il-ħabrieki Gużè Gatt) tkixxift minn xi dokumenti, sejjer hawnhekk inġib maqlubin bil-malti bċejjeċ fuq Vassalli minn fuq l-Istejjer ta' Panzavecchia (1) u Vassallo. (2)

Wara li jitkellem fuq xi tixwix rivoluzzjonarju fost il-Kavalieri Franċiżi u fost xi Maltin li mħajrin mill-Franċiżi stess ingħaqqdu bil-moħbi biex iwaqqgħu l-Gvern tal-Ordni u floku jdaħħlu l-Gvern ġdid tar-Repubblika Franċiża, Panzavecchia jissokta jgħid :—

"F'ras dan il-partit xewwiexi li kont tista' ssejjaħlu l-*Club* tal-patrijotti Maltin tqiegħed ċertu Vassalli illi, bid-dizzjonarju Malti li kien ħareġ hawnhekk Malta bir-raġun kollu kien ħa l-isem ta' bniedem għaref, titlu illi fil-pajjiżi ċkejkna dlonk jitħallat ma' dak ta' politku. Dan il-bniedem li kien għadu kif raġa' lejn pajjiżu minn Ruma, ra illi din il-Gżira kienet riesqa biex tieħu taqliba ħażina u sab li fiha hemm xi nies li kienu tajbin biex jingħaqdu flimkien sabiex igħinu fil-bżonnijiet nazzjonali tal-pajjiż. Induna illi l-Ordni, mitruħ bil-bosta telf li kellu, ma satax

(1) Ara "Ultimo Periodo della Storia di Malta sotto il Governo dello Ordine." (1835) pp: 343-347.

(2) Storia di Malta (1890) p. 611.

iżjed iżomm wieqaf fuq saqajh taħt it-tagħbija ta' dak il-hemm kollu; illi l-kavalieri Franċiżi kienu lesti biex jatu l-gżira f'idejn ir-Repubblika u li pajjiżu ma satax imur il-quddiem ħlief taħt l-Ordni u taħt it-treġija ta' Gvern tajjeb; mistieden għalhekk biex jingħaqad mal-partit il-kbir ta' dawk li dik il-ħabta kienu jissejħu *Ġakbini*, DEHERLU IKTAR XIERAQ illi jgħarraf u jati xi dawl lill-Gvern ta' Malta (jiġifieri tal-Ordni) fuq il-mezzi li bihom il-poplu u l-Ordni flimkien kienu jistgħu jeħelsu b'wiċċ il-ġid minn dak is-saram; u b'dan il-ħsieb huwa kiteb memorjal għaqli, xieraq u sabih. F'dan il-memorjal, Vassalli kien sab u wera mezz tajjeb ħafna sabiex iwieżen 'l-Ordni li dik il-ħabta kienet bejn sa taqa' u ma taqax u sabiex iressaq in-nazjon maltija lejn il-Gvern tagħha: dan il-mezz kien li (*a*) issir talba s-Santa Sede sabiex fl-Ordni jkun hemm id-dispensa *tar-raba' vot* (ma jibqax jikkumbatti 'l-Musulmani) illi (*b*) jinfetaħ il-port ta' Malta għall-kummerċ tal-Lvant u li (*c*) titwaqqaf Lingua ġdida biex fiha jidħlu l-Maltin. B'dan il-mod, il-Port ta' Malta jkun id-depost tal-kummerċ tal-Lvant u r-risorsi tal-pajjiż jingħaqdu ma' dawk tal-Ordni, u b'hekk wieħed ikun jista' jpatti għan-nuqqas ta' flejjes mill-Kaxxa, nuqqas li kien ġej mit-telf kbir ta' ġid li l-Ordni kellha fi Franza u b'hekk ukoll in-nazzjon Maltija tkun tista' tingħaqad mal-Ordni b'rabtiet ġodda u ta' ġieħ u fejda għat-tnejn. Billi, iżda dan il-proġett hekk għaqli ma ġiex milqugħ, Vassalli fettex triq oħra u dar għal dak il-mezz l-ieħor LI JWAQQA' L-GŻIRA F'IDEJN IL-PAJJŻANI TIEGHU. Huwa rebbaħ lill-partit tiegħu numru ta' bosta żgħażagħ mixgħulin bl-istess fehmiet, u fl-istess ħin, ingħaqad mal-partit Franċiż MHUX GHAL HAG'OHRA HLIEF BIEX IKUN JISTA' JINDUKRAH.

Id-disinni ta' Vassalli b'xorti ħażina safgħu mar-riħ. Missier ta' familja, illi għaraf jisraq is-sigriet minn fomm ibnu li kien imdaħħal fil-konfeffa, mar jikxef lin-nies ta' din ix-xirka u għalhekk arrestaw lil Vassalli, lil Barbara u oħrajn tal-partit, u minnufih ġibuhom quddiem Kummissjoni li twaqqfet għal dan l-iskop waħdu. Din il-Kummissjoni Kriminali, magħmulha minn erba' ballji, megħjunin minn tliet avukati Maltin, fettxet jew għall-inqas għamlet ta' bir-ruħha li tfittex tagħmel il-ħila tagħha kollha biex tipprova l-ħtija ta' dawk li kienu mdaħħlin fil-konfeffa, iżda l-ħjiena ta' Vassalli u ta' Barbara kienet daqshekk fîna illi qarqet bit-tkewtil u tgħarbil tal-istess Bonanni, għalkemm dan kien avukat imħarreġ għall-aħħar fis-sengħa qadima u lħiħa ta' l-istaħriġ.

It-tmiem tax-xogħol kollu ta' dik il-Kummisjoni kien illi Vassalli ġie magħluq fil-Forti tar-Rikażli u ż-żagħżugħ Barbara itturrufnat għal dejjem minn Malta. Fit-tmexxija ta' dil-Kummissjoni kien hemm ħaġa ta' min ikun jafha, jiġifieri illi *tnejn mill-membri* tal-istess Kummissjoni kellhom jagħmlu ħaqq min-nies li kienu jħossu bħalhom u li kienu huma li xewxuhom minn taħt, u fuq hekk jistħoqq li jibka' msemmi dan il-mezz li bih wieħed minn fost il-membri tal-Kummissjoni fittex li jaħbi ismu u jsalva rasu. Ġurnata qabel ma kellu jiġi meħud quddiem il-Kummissjoni biex jiġi mistoqsi, intqal lil Vassalli li hemm persuna (bla ma jafuha) li tixtieq tkellmu. Vassalli kien dik il-ħabta miżmum f'ħabs mudlam maksum minn ħajt qadim tal-injam... u għalhekk dik il-persuna li dehret bil-moħbi, b'riħet dak l-irpar tal-injam, biex ma jiġix magħruf, hedded lil Vassalli b'mewt żgura kemm-il-darba fit-twiġibiet tiegħu quddiem il-Kummissjoni jkollu l-ħila jsemmi l-isem tal-Balliju N... u telaq mingħajr ma qal xejn iżjed.

Dawn il-bċejjeċ ma kenitx xi ħaġa ġdida għall-Gvern li ftit jew wisq kien jaf bihom u għalhekk Rohan, billi f'dawk il-konfeffi kienu mdeffsin ukoll xi membri tal-Ordni, ma satax jieħu passi ħorox kif kienu jinħtieġu f'dawk iċ-ċirkostanzi mwiegħra u tal-biża'. L-istess Vassalli fl-aħħar dehra li kien deher quddiem l-Imħallfin tiegħu kien wieġeb "Jekk tridu tafu x'kienu l-ħsibijiet tiegħi, agħmlu mistoqsija lil Ransijat" Għalhekk kienet ħaġa xierqa illi l-Gvern, kif kien meħtieġ minn għaqlu, ma jibqax ifittex u jitkixxef iżjed fuq dil-ħaġa, l-iktar mita kien jaf illi l-biċċa l-kbira tal-pôplu kienet beqgħet sħiħa fis-sedq lejn il-Gvern tagħha u ma kenitx turi ruħha mħajra li titbiegħed minn dik il-fedeltà illi għal żmien twil ta' snin kien ta xhieda tagħha lejn dak il-Gvern li kien ilu mwaqqaf u qiegħed iseħħ."

Barra minn dana, GioAntonio Vassallo fl-Istorja tiegħu jtarraf xi ħwejjeġ illi Panzavecchia ma jsemmix. Hu jgħid :—

"F'dan il-waqt kien hemm partit repubblikan, magħmul minn Kavalieri Franċiżi u minn Maltin ta' l-aħjar qatgħa. Dan il-partit kien qiegħed jaħdem kontra l-Ordni u aktar ma kienu jiżdiedu r-rebħiet illi l-armata tar-repubblika kienet qiegħda tagħmel, aktar kien qiegħed jikber il-partit.

Fost l-ewwel nies ta' dan il-partit kien hemm : il-balliju de Rohan, magħruf l-iżjed bl-isem tal-prinċep Camillo, il-Kommendaturi Ransijat, Bardonenche u Fay, il-Kav. St. Priest u l-inġinier Toussard; fost il-Maltin is-Sur Caruson, in-negozjanti Eynaud u Pussielgue u s-Sinjuri G. Guido, D.

Doublet, M.A. Vassalli u V. Barbara ma' bosta oħrajn. Dawn in-nies (illi bħar-repubblikani mill-iktar ħorox ta' Franza ħadu l-isem ta' *Ġakbini)* kienu jżommu l-laqgħat tagħhom ġewwa dar f'Ħal-Lija u kellhom xi ftehim b'ittri ma'Dolomieu, f'Pariġi, u ma' xi diretturi tar-Repubblika u iżjed tard kienu jibagħtu xi ittri lill-ġeneral Bonaparti...

Qabel ma dar mal-partit Franċiż flimkien ma' bosta oħrajn, Vassalli kien poġġa quddiem il-Gran Mastru u l-Kunsill xi proġetti dwar il-pulîtka u l-istat finanzjarju li bihom hu kien jittama li jista' jsewwi bil-bosta l-kondizzjoni tal-Ordni, sew f'dak li hu ftehim u rabtiet internazzjonali kemm f'dawk li jolqtu lill-pajjiż u n-nies ta' ġo fih. Iżda fost il-proposti kien hemm dik tat-twakkif ta' lingua nazzjonali Maltija u din kienet ħaġa li l-Ordni qatt ma ried jisma' biha. Kien hemm maħsub li ssir il-paċi mat-Tork, ħaġa li kienet ta' vantaġġ mill-iżjed għall-Malta. Din tal-aħħar, ingħidu s-sewwa, ma kenitx taqbel mal-prinċipji tal-Ordni, iżda dawn il-prinċipji l-anqas ma kienu jaqblu għal mal-pulîtka ta'dawk iż-żmenijiet. Kien hekk fieragħ u għalxejn dan il-proġett tal-paċi, illi għalkemm darba kien hemm il-ħsieb li jieqaf għal xi żmien il-ġlied mat-Torok, (ħaġa li Rohan kien ilu jixtieqha; u li għaliha, bil-għajnuna ta' Spanja, it-Tork diġà kien mejjel rasu), dan il-ħsieb, il-Kunsill l-anqas ma wasal biex katt jilqgħu u jwettqu.

F'dan il-waqt il-partit beda jiżdied u baqa' daqshekk jiżdied fil-kotra u fil-qawwa illi l-Gvern baża' minnu. Ara kemm hu hekk illi Vassalli, Barbara u oħrajn ittieħdu quddiem Kummissjoni magħmula minn ballji u legali, iżda l-proċess tagħhom sar fuq-fuq, il-għaliex billi kienu jafu illi f'din it-tabxa kien hemm imdeffsin bosta mill-membri tal-Ordni, beżgħu li jinqala' l-ħama u li dawna kienu jiġu fil-għali li kieku l-Kummissjoni kellha tifli dil-ħaġa mill-qiegħ nett; u l-anqas ma kien ikun għaqal ta' Gvern illi juri lis-Slaten ħbiebu li f'qalbu stess għandu din il-ferita kollha f'dawk iż-żmenijiet hekk koroh. Sa dat-tant Barbara u oħrajn ġew itturrufnati u Vassalli magħluq fil-Forti Rikażli minn fejn wara ftit għabbewh fuq bastiment grieg. Il-kaptan urih l-akbar ħlewwa u niżżlu bil-moħbi fl-art ta' Salerno. Uħud beqgħu taħt arrest: u wara li tellquhom, il-Gvern baqa' jżomm għajnejh fuqhom."

Minn dan li qalulna sew Panzavecchia kemm Vassallo jidher li għal ħabta tal-1797 Vassalli, wara li tħabat għalxejn biex jirranġa d-dinja mal-Ordni, fuq memorjal li għamel bla ma kien milqugħ, ingħaqad mal-partit Franċiż, sar Kap tax-

xirka Maltija tal-Ġakbini u *fassal il-pjan* biex iwaqqa' l-Gżira f'idejn il-Maltin, jiġifieri li jqajjem rewwixta kontra l-Ordni bil-ħsieb li jkeċċiha jew iġagħlha titlaq mill-Gżira. Fost il-maltin,imseħbin ma' Vassalli, Panzavecchia ma jsemmix ħlief lil Barbara,u fost il-Kavalieri mdeffsin fil-konfeffa ma jidhirx imsemmi ħlief Ransijat u ieħor li ħeba ismu u li skond Panzavecchia kien wieħed mill-balliji. Panzavecchia kif diġà għedna kien ixjeħ minn Gian Anton Vassallo u lil Vassalli kien laħqu u jafu sewwa u nistgħu ngħidu li hu kien l-aqwa kittieb li sata' jħallilna l-irqaq tifkiriet fuqu. Dnub li wara dan il-proċess u weħla ħabs ta' Vassalli, fuqu ma għarrafna xejn iżjed (1). Dnub ukoll li ebda tifkira ta' kopja tal-memorjal ta' Vassalli ma nżammet jew s'issa ma stajna nsibu fost id-dokumenti li għandna. Gian Anton Vassallo jsemmi xi ħwejjeġ li Panzavecchia ma jsemmix. Vassallo li għex mill-1817 sal-1868 laħaq tajjeb lil ulied Vassalli, iżda dak li tarrfilna iktarx ħadu minn xi tifkiriet miktuba jew minn fomm ix-xjuħ. Vassallo jatina l-ismijiet ta' dawk il-Kavalieri Franċiżi u nies oħra Maltin (il-biċċa l-kbira ta' nisel franċiż) li kienu mdeffsin bħala Ġakbini fil-konfeffa u barra minn dan isemmilna żewġ ħwejjeġ li għalina kienu ġodda, jiġifieri d-dar ta' Ħal-Lija fejn il-Ġakbini kienu jilteqgħu, u l-ħarba ta' Vassalli mill-ħabs tar-Rikażli fuq bastiment grieg li niżżlu f'Salerno (2.)

(1) Il-Kanonku Fortunat Panzavecchia laħaq lil Vassalli dwar l-1825 mita dan kien ilu dwar ħames snin li raġa' ġie Malta wara d-19-il-sena li kien ilu msiefer. Dik il-ħabta, Panzavecnia kellu mat-28 sena waqt li Vassalli kellu mal-61 sena. Tarġa' Panzavecchia, dik l-istess ħabta, kien Segretarju tal-Università u Vassalli kien għadu kif ġie maħtur Professur tal-Malti fl-istess Università. Panzavecchia li twieled fl-1797, jiġifieri fl-istess sena tat-taqlib u twegħir li fih kien imdaħħal Vassalli, ma satax ikun jaf b'dawn il-bċejjeċ ħlief b'dak li sama' minn nies ixjeħ minnu, u forsi minn għand l-istess Vassalli, jew minn fuq xi dokumenti. Iżda hu sata' jimla bosta toqob tal-ħajja mqallba ta' Vassalli minn mindu dana kellu jaħrab mill-ħabs tar-Ricażli sa mita ġie biex jagħlaq għajnejh. Panzavecchia laħaq ukoll lil ulied Vassalli li kienu stampaturi, fosthom lil Grabiel li milli jidher kien midħla tiegħu. Għandu kien stampa xi kotba fosthom "Storia Kasira ta' Malta" (1847) u "Fejn tibka Malta" (1847). Waħda mit-tfal bniet ta' Grabiel kienet għadha tiftakar lil Panzavecchia jmur fl-Istamperija ta' 'missierha fi Strada Forni u *jgħaddi mill-bieb ta' Strada Cristoforo.*

(2) Vassallo niżżel ukoll tagħrifa ċkejkna fuq Vassalli bħala bniedem magħrnf għax-xogħlijiet tiegħu fuq il-lsien Malti u fuq Census Barbara (sieħeb Vassalli) li wara li ġie itturrufnat ingħaqad mal-armata ta' Napuljun, sar captan tal-baħar fil-battalji franċiżi, nbagħad f'dawk ta' Napli tar-Re G. Murat. Kontra dak li jistkarru xi storiċi taljani, Vassallo jgħarrafna ukoll illi Barbara kien tħabat ħafna biex ma jħallix lil sidu Murat li kien tilef ir-renju tiegħu, jitlaq minn Korsika al Pozzo (f'Kalabrija), fejn Murat gie xkubettjat f'Ottubru tal-1815, għax kien jaf li ma kellhomx u la il-qawwa ta' nies u l-anqas it-tama żgura fil-pôplu.

# MEWT *

"Noħroġ minn dik it-toqba
Barra, fix-xemx sabiħa,
Fuq il-egħlieqi tħaddar,
Fil-ġonna kollha fwiħa:
Hemmekk il-ward iħeġġeġ
B'qalbu miftuħa beraħ....
Oh dak il-għasel safi!
Oh dak il-għasel bnin!...

U hemm, ma' dwar il-ftila
Tixgħel, idur, idur
Ħlewwa ta' farfett ċkejken,
Qisu tal-fidda; jmur
Xibrejn fil-bogħ'd u jarġa'
Lejn dak il-lsien tan-nar
Li jiġbdu lejh bla ħniena
Bħal magħmul ta' saħħar:
Jgħaddi minn ġenb għall-iħor,
Is-sħana tagħmel bih,
Imîl. jinbaram, jaqa...
Iżda jqum minnufih:
Jimxi donnu fis-sakra,
Jitriegħed fuq saqajh,
'mma dlonk taraħ jistaħja,
Ifarfar dawk ġwinħajh
U jarġa' lejn id-dija
Ħafif daqs vleġġa jmur
U bejn xewqan u mbażża'
Ma' l-lsien qarrieqi jdur,
Sa kemm il-ħedla tirbħu,
Ma jafx iżomm il-fuq....
U hemm, fin-nar ta' xewqtu;
Itemm ħajtu maħruq.

**Dun Karm.**

* Darba f'sahra tax-xitwa, staqsejt lil ommi Alla jaħfrilha, x'jgħidulu dak il-farfett ċkejken li naraw xi drabi idur ma' musbieħ jixgħel sakemm jinħaraq fih, u hi qaltli: Jgħidulu "Mewt".

Malajr għaddew bħal żewġ mistoqsijiet minn moħħi: (1) Tgħid ġebbieda tal-kelma ingliża *moth*? (2) Tgħid għaliex dak il-farfett aktarx jispiċċa biex jinħaraq u *jmut*?

# Qwiel tal-Magħreb miġuba bil-Malti.

*(Jaqbad mal-faċċ. 54).*

1565 Hatta ixib l-ġrab u itla' l-hmar fe s-sellum u tnuwar l-mlah.
Till the raven becomes white, the donkey climbs a ladder and the salts blossom.
Mita yixyeb il-għorab, il-ħmar yitla' s-sellum u inawwar il-melħ.

1582 La rajel illa be r-rjal.
No real man but with other men.
Raġel biss qalb r-rġiel.

1606 'Ammar lu halqu yensa li halqu.
Fill his mouth, he will forget his creator.
Għammarlu ħalqu yinsa lil min ħalqu.

1621 Li ma yelhaq xi l-anqud iqul hamat.
He who does not reach the bunch says it is sour.
Min ma yelħaqx il-għanqud igħid qares.

1626 N-nuss fe bnadem kaimut be l-'ain.
One half of mankind die from the evil eye.
Nofs il-bnedmin imutu bil-għajn.

1635 L-fumm l-mesdud ma ddahlu debbana.
Into a closed mouth no fly will enter.
L-fomm misdud ma tidħolx fih dubbiena.

1654 Sqeh u saqseh kull ma 'andu yentak bih.
Give him drink and ask him and all he knows he will speak of.
Isqieh u saqsieh kull ma għandu yoħroġ bih.

1660 Hasla ahsen men wukla.
Washing is better than a mouthful.
Ħasla aħyar minn ikla.

1681 La tqul ful hatta ikunu fe l-keil.
Don't say beans, until they are in the measure.
La tgħidx ful yekk ma ikunx fil-keyla.

1686 Kull ta'tera feha ħera.
In every stumbling there is good.
Kull tagħtira fiha l-ħayr.

1689 Ida xuftih qra' ma ihruj men fummu ġer l-fra'.
If you see a bald man only destruction comes out of his mouth.
Mita tara qarghi ma toħroġx minn fommu għajr frugħa.

1692 Miat taqteqa u taqteqa wa la wahd s-salamu 'alikum.
One hundred and one knocks and not one "peace with you".
Mit tektika u waħda u l-anqas waħda "salam għalicom".

1693 S-salam yejbed kalam.
Greeting draws talk.
Is-sliem yiġbed il-kliem.

1697 Hobzti taht ibati ma sma' hadd 'ayati.
My loaf under my armpit nobody heard my calling.
Ħobżti taħt abti ħadd ma samagħ għayyati.

1698 N-nadam 'al s-sukut her med n-nadam 'al l-qaul.
Repentance for silence is better than repentance for speaking.
L-indiema għas-skiet aħjar mill-indiema għal kliem.

1705 Ya rajel xuf u skut ida klit il-lham qul l-hut.
O man, see and be silent; if you eat meat, say it is fish.
Ya raġel, ara u iskot; yekk kilt laħam għid ħut.

1706 Ida riti qul ma rit w ida sibti qul ma sibt.
If you see say I did not see, and if you found say I did not find.
Yekk rajt għid ma rajtx u yekk sibt għid ma sibtx.

1709 L-hauf men bnadem s-saket.
Fear of a man who is silent.
Ibża' minn bniedem sieket.

1720 Urrih urrih w ida 'ma hallih
Show him show him and if he is blind let him alone.
Wurieh wurieh u yekk hu għama ħallih.

1722 Li xedda b yiddu ihullha b snanu.
He who has tied it with his hand will open it with his teeth.
Dak li yorbot b ydu iħollu bi snienu.

1730 La ta'mel rai l-'ama iġarrqak fe l-ma.
Don't follow the advice of the blind, he will drown you in water.
Tagħmilx raj l-għama igħarrqek fl-ilma.

1739 Li habbu llah 'atah 'aqlu.
God gives understanding to him whom he loves.
Lil min ħabbu Alla tagħ il-għaqal.

1750 L'ilm her mel l-mal.
Learning is better than goods.
It-tagħlim aħjar mill-miel.

1753 Sabi fahem wa la r-rjal bhaim.
An intelligent boy is better than men who are animals.
Sabi li yifem u le rġiel bheyyem.

1754 T-ta'lim fe s-seġar kif n-naqx fe l-hajr.
Instruction in youth is like engraving in stone.
It-tagħlim fiż-żegħir bħal tinqix fil-ħaġar.

1755 T-ta'lim fe l-kbar kif n-naqx fe l-ġbar.
Instruction in old age is like engraving in dust.
It-tagħlim fil-kbar bħat-tinqix fil-għabra.

1772 'Allfu 'am ma i'axxik xi lila.
Feed him for a year he will not feed you for an evening.
Għalfu għal sena ma igħaxxikx leyla.

1795 Kull nhar u razqu.
Every day has its fare.
Kull nhar għandu risqu.

1829 L-hamm ida kan qlil ibekki w ida ktar itahhak.
Trouble, if small, makes one weep, if it increases makes one laugh.
L-hemm yekk ikun ftit ibikki u mita yoktor idaħħaq.

1860 L-am l-mesud hiya dji l-ġalla bla dud.
A lucky year when the fruits come without worms.
Is-sena miżgħuda mita l-għalla bla dud.

1868 Ida dahlet yaum r-rbe' froh b uladek u be'.
When spring sets in, rejoice with your children and sell.
Mita tidħol yum ir-rebbigħa ifraħ b'uliedek u biegħ.

1889 Ida dahlet x-xta l-lula kull kull xi hatta n-nuhhala.
When early winter sets in eat everything even bran.
Malli tidħol ix-xitwa kul kollox san-nuħħala.

1890 Ida xufti l-ġmam fe s-sma hmed allah 'al hobz u l-ma.
When you see clouds in the sky praise God for having bread and water.
Mita tara l-għameyyem bierek l'Alla għall-ħobż u l-ilma.

1909 Ida dhal yennair be l-hadd ifrah kull hadd.
If January sets in on a Sunday everyone will rejoyce.
Mita Jannar yidħol bil-Ħadd yifraħ kullħadd.

1918 Z-zra' laijorhu yinneir u iqatlu yibrair u yissemma 'ala mars.
Wheat is wounded by January, killed by February and March only is blamed.
Iż-żaragħ yiġirħu Yannar u yoqtlu Frar u yissemma biss Marzu.

1320 X-xta d ybrair laislah l-bqar f d-dwair.
The rain of February strips the cattle in the yards of their skin.
Ix-xita ta' Frar tisloħ il-baqar fid-dar.

1929 F-yibril latar'a l-ma'za u t-qil u t-'ammar halleb d l-ħlib.
In April the goat grazes and fills the milkpot.
F'April tirgħa l-mogħża u tongħoz u tgħammar il-ħallieba bil-ħalib.

1931 Maiyu hasdu wahha ikun flaiyu.
In May, reap it even if it be pennyroyal.
F-Meyyu aħsdu mqar kien pleyyu.

1933 Ida tah x-xta fe yunyuh di yezra' xi ma yendem feh.
If rain falls in June he who sows something will not repent.
Yekk tagħmel ix-xita f'Ġunyu min yiżra xi ħaġa ma yindimx.

1934 Ida tkellem r-ra'd fe yulyuz kul men ġer z-zra' u l-lauz.
If it thunders in July, eat only wheat and almonds.
Yekk irigħed f'Lulyu kul biss żaragħ u lewż.

1938 F-sutanbir qta' d-dra wahha f ˛a' l-bir.
In September cut the durra even at the bottom of a well.
F'Settembru aqtagħ il-qamħ-irrum mqar f'qigħ il-bir.

1939 Ida dhal ktobar harat l-hart la tetwahhar.
When October sets in, do the ploughing, don't he tardy.
Mita yidħol Ottubru aħrat u titwaħħarx.

1940 Ida tal'at t-triya fe la'xa azra' l-ful be l-kumxa.
When the Pleiads rise in the evening sow beans with a handful.
Mita titla t-tria fil-għaxya iżragħ il-ful bil-kemxa.

1985 X-xġul f waqtu lazem tahud ġalltu.
The fruit of your labour you must take in its time.
Agħamel ix-xogħol f'waqtu biex tieħu għalltu.

1986 'Ate l-ma u l-ġbar t-ahud f waqtu n-nuwar.
Give water and manure you will take flowers in due time.
Ati l-ilma u l-bżar u tieħu n-nwar f'waqtu.

1989 Amxi bekri au hrat bekri au mxi tekri.
Go early or plough early or go to hire.
Itlaq bikri yew aħrat bikri yew mur ikri.

1991 Le tnin zar'u u t-tlata qat'u u l-arba' tab'u.
On Monday sow it, on Tuesday cut it, on Wednesday seal it.
It-Tnejn iżirgħu, it-Tlieta aqtgħu, l-Erbgħa aħżnu.

2009 Men'ammar batnu be l-betteh bhal li 'ammarha be n-nor.
Who fills his stomach with melons is as he fills it with light.
Min yimla żaqqu bil-bettiħ qiesu għammara bid-dawl.

2013 Kull men ja men l-qabla mleh ġer l-mard u r-reh.
Everyting that comes from Mecca is good except sickness and wind.
Kull ma yiġi mill-*qabla* tayyeb barra mill-mard u r-riħ.

T. Z.

# LAMPEDUSA

Lampedusa hi gżira li l-lum tagħmel sehem mis-Saltna ta' l-Italja. Tiġi mall-105 mil bogħod minn Malta. It-tul kollu tal-gżira hu ta' sitt mili. In-naħa tal-punent wiesgħa mil, fil-ħin lin-naħa tal-lvant tlaħħaq ftit anqas minn żewġ mili.

F'dil-gżira, dari kien igħammar wieħed eremita. Dan kien miżmum bħala wieħed li jilħaqlu ħafna, billi kien jaf imur ma' dawk kollha li kienu jersqu lejn Lampedusa. Meta kienu jmorru xi bastimenti Torok l-hemm, kien jagħmilha ta' Tork, u magħhom u bħalhom kien isalli lil Mawmettu. Iżda meta kien jinzerta li jersqu l-hemm xi xwieni ta' Malta, kien juri ruħu bħala nisrani mill-iżjed twajba, billi malajr kien jaqbad Salib f'idu u joqgħod jitlob flimkien ma' l-insara. Għal din il-biċċa, fi Sqallija kienet daħlet id-drawwa li, lil xi wieħed li kien jimxi b'ħafna wċuħ kienu jgħidulu : L-eremit ta' Lampedusa.

Is-sid ta' Lampedusa dari kien il-Prinċep Don Giulio Marija Tommasi, Duka ta' Palma. Iżda billi dan ma kellu ebda qligħ minn dil-gżira, ried jeħles minnha. Għalhekk għamel rikors lir-Re ta' Napli u Sqallija, Ferdinandu I, fejn talab li jati ċens lil dil-gżira. F'dan ir-rikors qal, li minn x'ħin ir-Re Alfonzo t'Aragona, għall-ħabta ta' nofs is-seklu ħmistax, ta b'fewdu din il-gżira, mhux biss ma ġew imdaħħla l-ebda flus minnha, imma wkoll ma kienet tajba għalxejn, imħabba d-dehra ta' sikwit fl-ibħra ta' ma' dwar, tal-kursari ta' Barbarija. Barra minn hekk, il-Prinċep qal ukoll, li dil-gżira kienet tiswielu ħafna flus imħabba li kien ried jaħseb għal-ħajja ta' wieħed eremita li kien igħammar fiha.

Ir-Re Ferdinandu I. sama' t-talba tal-Prinċep u tah li jista' jqabbilha. Fuq hekk, il-Prinċep Tommasi, fil-25 ta' Gunju 1800, taha b'ċens lil wieħed neguziant Malti, jismu Salvu Gatt, igħidulu *żinger*. Il-kuntratt sar għand in-Nutar S. Scibbona ta' Palermu.

Il-ftehim ta' fuq il-kuntratt kien, li l-Prinċep ta' 2,2000 modd art mogħxa ta' Lampedusa fuq il-kejl metriku ta' dari ta' Sqallija, u Gatt iħallas 110 għewwieq ta' B.M. kull sena. L-art mogħtija kellha tiġi maqsuma f'waħda jew iżjed ishma, kif kellu jogħġob lil Gatt, basta mhux iżjed minn erba' ishma. Il-Prinċep ġie marbut li jħares lill-gżira; iżda Salvu Gatt, mill-banda l-oħra, kellu jibni żewġ torrijiet fix-xtut

minn flusu: wieħed fid-daħla tal-baħar imsejjħa tax-Xwieni; u l-ieħor fid-daħla msejjħa tal-Madonna. Barra minn hekk, il-Prinċep intrabat ukoll, li kemm-il-darba l-bqija ta' l-art li kien fadal f'Lampedusa jatiha lil ħaddieħor, kellu jibqa' jati, għal dejjem, irbgħajjejn fis-sena, għal kull modd li kien fadal, lill-imsemmi Gatt u lill-werrieta tiegħu.

Il-Prinċep ħaseb li l-gżira kienet tagħmel madwar 7500 modd Sqalli. Iżda, meta f'Jannar ta' l-1801 ġiet imqejla minn perit, instab, li l-gżira kollha ma kienx fiha ħlief 993 modd. Kif kien baqa' Salvu Gatt mal-Prinċep fuq din il-biċċa, ma sibniex. Biss nafu li l-gżira baqgħet f'idejn Gatt.

Meta Salvu Gatt daħal fil-ħakma ta' Lampedusa, nefaq flejjes kbar fiha. Għammar il-gżira battala b'ħaddiema Maltin. Daħħal minn kull għamla ta' bhejjem. Bena midħna, u għamel dak kollu li kien jinħtieġ biex l-art tibda tati l-egħlejjel. Ġedded il-kastell qadim li kien hemm, għammru b'kull ma kien jinħtieġ, saħansitra bil-kanuni, u tella, l-Bandiera Ingliża fuqu biex, b'riħet hekk, ħadd ma jkun jista' jkollu jedd fuq Lampedusa.

Ftit wara li Salvu Gatt ħa Lampedusa f'idejh, daħħal bi sħab miegħu lil żewġ Għawdxin, lill-aħwa Salvu u Karlu Xwereb. Gatt qabblilhom biċċa art għalihom, fil-ħin li telqilhom il-gżira kollha f'idejhom biex huma jieħdu ħsieb ta' kollox, bħala msieħba ta' Gatt.

L-aħwa Xwiereb baqgħu jgħammru fil-gżira, fil-waqt li Gatt kien joqgħod hawn Malta, moħħu mistrieħ li għandu min jieħu ħsieb ta' ħwejġu f'Lampedusa.

Xi wħud mill-Maltin li jittieħdu jaħdmu f'Lampedusa kienu jagħmlu kuntratt ma' Salvu Xuiereb. F'dan il-kuntratt kienu jintrabtu li jibqgħu fil-gżira għal-sena. Iżda, jekk wieħed wara li jagħlaq il-ħdax il-xahar li jkun ilu f'Lampedusa jinzerta li jkun hemm bastiment għal Malta, kien jista' jitlaq mill-gżira. Inbagħad, jekk wara li tagħlaq is-sena ta' l-ingaġġ, ma jsibx ma' min jitlaq mill-gżira, kien joqgħod xahar ieħor, jew sa kemm jilħaq xi bastiment minn ta' l-imsemmi Xuiereb li miegħu jkun jista' jarġa' lura lejn Malta.

Għeluq il-ħames sena li Lampedusa kienet ilha f'idejn il-Maltin, fil-Port ta' din il-gzira daħal Xambekk Kursal. Dan ġara fil-għodwa tal-festa ta' San Pietru Pawl ta' l-1805: jiġifieri fid-29 ta' Ġunju. Il-Kursal kien imgħammar b'ma dwar 10 kanuni u kellu mas-70 ruħ nies ta' fuqu.

Malli l-imsemmi Xambekk daħal f'Lampedusa, tella' l-Bandiera Ngliża. Xuħud min-nies ta' fuqu niżlu l-art ifittxu l-ilma, fil-waqt li għamlu ta' bir-ruħħom li kienu Ngliżi.

Salvu Xuereb, li kif ġa għedna kien ieħu ħsieb il-gżira, qabbad lil min jurihom minn fejn ikunu jistgħu jieħdu l-ilma.

Fil-Port ta' Lampedusa nżerta li kien hemm ukoll Kursal Tuneżin. Dan għarraf lill-Maltin, li dak il-Kursal l-ieħor, għalkemm kellu mtella' l-Bandiera Ngliża, ma kienx Ingliż, imma Franċiż.

Għal dina l-aħbar, il-Maltin, mal-lejl ħbew, f'naħiet imwarrba, ħwejjiġhom, l-ikel u l-flus li kellhom. Fil-qabda ħallew biss xi qantar ġobon. Waqt li kienu jaħbu kollox, erba' mill-Maltin qagħdu għassa tax-Xambekk, biex jaraw iniżżilx xi nies l-art.

Il-għada filgħodu, biex il-Maltin jinġiebu mal-Franċiżi, tawhom żewġ muntuni. Il-Franċiżi riedu tlieta oħra. U biex il-Maltin jeħelsu bit-tajjeb minnhom, tawhomlhom ukoll.

Il-għati ta' żewġ muntuni kien isir lil dawk il-Kursari kollha li jidħlu f'Lampedusa. Dina l-biċċa kienet issir bil-ħsieb biex, in-nies tal-Gżira, li b'kollox kienu 14 il-Malti jaħdmu hemm, juru qalbhom mal-Kursari, u dawn (il-Kursari) b'riħet hekk ma kienu jagħmlu l-ebda ħsara, la fir-raba' u l-anqas fil-bhejjem ta' Lampedusa.

Il-muntuni ħaduhom fuq il-Kursar Franċiz, Ġużê Sultana, Marċell Mercieca u Karlu Buttigieg. Fix-xatt kien hemm żewġ Għawdxin oħra, Mikiel Cremona u Toni Camilleri. Il-Franċiżi sejħulhom biex jitilgħu wkoll. Dawn ma ridux. Fuq hekk il-Franċiżi niżżlu xi nies l-art u telluhom magħhom. Mal-Franċiżi kien hemm wieħed, jismu Stieni, li drabijiet oħra kien Malta.

Meta l-Kursari ħadu l-muntuni, lill-Maltin ma ħallewhomx jinżlu iżjed l-art, imma żammewhom abbord bħala priġunieri.

Fiż-żmien li l-ħames Għawdxin kienu abbord, ix-Xambekk Kursal niżżel il-Bandiera Ngliża u, flokha, tella' l-Franċiża, fil-ħin li selmilha b'tir ta' kanun. Wara niżżel daqs 25 ruħ l-art armati sa snienhom. Magħhom ukoll niżlu l-ħames Għawdxin.

Wieħed mill-Għawdxin, Buttigieg, resaq fejn kien Karlu Xuereb u l-ħaddiema l-oħra, u qagħad ħdejn il-qiegħa; Ġużê Sultana baqa' x-xatt; u t-tlieta l-oħra marru f'darhom. Dawn

it-tlieta ta' l-aħħar kienu talbu lill-Franċiżi biex iħalluhom jinżlu l-art ħalli jieħdu ħwejjiġhom u jerġgħu jitilgħu abbord.

Xuħud mill-Franċiżi baqgħu sejrin fejn Karlu Xuereb u sħabu, u talbuhom erba' baqar. Meta l-Maltin raw li ma setgħu jagħmlu xejn magħhom, kellhom jatuhomlhom. Franċiżi oħra resqu lejn id-dar tat-tliet Għawdxin li semmejna. Minn hemm ħadu l-bhejjem li sabu u, flimkien mat-tliet Għawdxin, marru fejn kien moħbi l-ġobon. Mill-ġobon li sabu, ħallew biss ma' dwar 20 ġobna, imħabba li l-ixkejjer li kellhom ma wesgħux iżjed.

Waqt li l-Franċiżi bdew iġorru l-ġobon u ħwejjeġ oħra għax-xatt, Karlu u Salvu Xuereb ġew meħuda abbord tax-Xambekk, taħt skuża, li s'er jatuhom jieklu u biex jagħmlu minn idejhom li huma tħallsu ta' dak kollu li l-Franċiżi ħadu minn Lampedusa. Iżda, wara li l-Franċiżi ġarrew dak kollu li riedu, lil l-aħwa Xuereb niżżluhom l-art. Ġigħaluhom jgħaddu, m'hux minn dik it-triq li minnha ġarrew kollox, imma minn triq oħra. U, qabel telquhom, qalulhom, biex, qabel filgħaxija, ma jmorrux lejn djarhom.

Karlu u Salvu, malli niżlu l-art, ma qagħdux għalli qalulhom il-Franċiżi, imma baqgħu sejrin lejn djarhom, fejn hemm ġew imgħarrfa b'kull ma serqu l-Franċiżi.

B'kollox, il-Franċiżi serqu 4 baqar, 3 majjali, 20 muntun, għadd kbir ta' tiġieġ, ma' dwar 50 żewġ ħamiem u t-tajr kollu li kien hemm. Barra minn dawn, ukoll ħadu 30 qantar ġobon, żewġ ġarar mimlija biż-żejt (kull waħda tesa' ma' dwar tliet bramel u nofs), ħames timdiet ful, moddejn favetta, 14 il-qantar xoqqa, tartarun, 50 skud flus, lbiesi u ħwejjeġ oħra li sabu.

Xuħud mill-Għawdxin kellhom jgħinu fil-ġarr ta' dawk il-ħwejjeġ li l-Franċiżi serqu minn Lampedusa.

Wara li l-Franċiżi ġarrew kollox u taw biċċa minnhom lil dak il-Kursar Tuneżin li kien hemm fil-Port, niżżlu l-Bandiera Ngliża li kienet tittajjar fuq Lampedusa u ħaduha magħhom. Iżda billi l-imsemmija Xuereb talbuhielu bi ħrara kbira, il-Kaptan Franċiż, wara ħafna talb, tahielhom lura.

*(Jissokta)*

**Ġużè Gatt.**

Direttur: Mons. Dun KARM PSAILA

Hlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.

# INĦABBRU

lill-imseħbin u lill-qarrejja tagħna illi l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, bħala xirka mwaqqfa biex tħeġġeġ it-tagħlim tal-lsien malti u taħdem biex jinkiteb b'ortografija tajba, mibnija fuq sisien grammatikali tas-saħħa, wara li eżaminat bir-reqqa d-Disposizzjonijiet Ministerjali mxandrin fiċ-Ċircolari tad-Direttur ta' l-Iskejjel Elementari, bid-data tas-6 ta' Settembru 1932, ħasbet li hu dmir tagħha li tieħu kif jixraq passi mal-Gvern biex it-tagħlim fl-Iskejjel Elementari isir skond ma titlob is-sura tal-lsien malti, jiġifieri li il-Malti jkun imlissen u miktub fuq il-prinċipji tal-grammatka maltija. Xi pass diġà ttieħed.

Għandna tama li f'ħarġa oħra ta' *Il-Malti*, inkunu nistgħu nġibu dak illi jkun għadda bejn il-Għaqda u l-Gvern fuq dawn id-Disposizzjonijiet.

**EMPIRE PRESS**